31972R1370



# IR-REGOLAMENT (EURATOM, KEFA, KEE) Nru 1370/72 TAL-KUNSILL
## tas-27 ta' Ġunju 1972
## li jemenda l-kondizjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej;

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 13 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Billi huwa neċessarju li jkun emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/681 [1] li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għal benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej, sabiex ikun previst għat-tassazjoni tal-gratifikazzjonijiet ta' meta wieħed ikun jistenna li jissejjeħ għax-xogħol;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-ħames inċiż li ġej għandu jkun miżjud ma l-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68:

"— taħt l-Artikoli 56a u 56b tar-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ġunju 1972.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. THORN

[1] ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 8.